MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 116/1998/1

**Carmel Deguara, Manwel Deguara, Anna Portelli Angelo Cassar u Lucia Cortis u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Gunju 2000 gie ordnat li l-isem 'Angelo Cassar' ghandu jinbidel fl-isem 'Angela Cassar'.**

**vs**

**David u Mary konjugi Mallia.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 21 ta' Jannar 1998 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn gie premess:-

Illi l-atturi ghandhom bi qbiela raba’ li tinsab fl-inhawi denominati ta’ Xifer il-Kif, *ossia* Ta’ l-Imselliet fil-limiti ta’ l-Imgarr.

Illi sabiex jaccedu ghal din ir-raba’ kemm huma kif ukoll l-aventi kawza taghhom dejjem utilizzaw passagg kemm bir-rigel u anke bil-vettura li jinsab fuq art issa okkupata mill-konvenut;

Illi fl-ewwel gimgha ta’ Dicembru 1997 il-konvenuti llegalment u abbuzivament mhux biss radmu dan il-passagg izda *di piu`* mblokkaw l-access li l-atturi dejjem gawdew biex jaccedu ghar-raba’ sudetta;

Illi ghalhekk l-istess atturi gew illegalment spoljati mill-pussess u/jew detenzjoni tal-passagg in kwistjoni u dritt ta’ access ghar-raba’ lilhom imqabbel fil-vicinanzi;

Illi l-agir tal-konvenuti jaghti lok sabiex l-atturi jezercitaw l-azzjoni ta’ spoll privileggjat biex l-imsemmi passagg u dritt ta’ access jigi mqieghed mill-konvenuti fl-istat pristinu tieghu;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jew min minnhom jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li meta fil-bidu ta’ Dicembru 1997 radmu l-passagg sudett u mblukkaw l-access li l-atturi kellhom ghall-ghelieqi lilhom imqabbla, ikkommettew spoll *di fronte* taghhom u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 535 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tordnalhom u tikkundannhom sabiex fi zmien qasir u perentorju okkorrendo taht supervizjoni ta’ periti nominandi jergghu ghall-istat pristinu tieghu l-imsemmi passagg b’mod li l-atturi jkunu jistghu jaccedu ghall-ghelieqi taghhom fuq imsemmija; u

3. Fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu dak lilhom ordnat fiz-zmien prefiss, jigu awtorizzati sabiex a spejjez ta’ l-istess konvenuti, l-atturi jaghmlu dak kollu li huwa

necessarju taht is-supervizjoni ta’ l-istess periti u dan ghall-fini tat-tieni talba.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti u mmarkati Dok. “TA1” u Dok. “PA1” kif jidher a fol. 4, 5 u 6 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo ghas-seduta tas-19 ta’ Frar 1999.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 24 ta’ Novembru 2004 a fol. 13 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenti ma kkommettew ebda spoll fit-termini tal-ligi u fil-konfront ta’ l-atturi.

2. Illi l-atturi qatt ma kellhom pussess jew xi dritt fuq xi passagg mill-proprjeta` ta’ l-eccipjenti.

3. Illi r-raba’ li l-atturi jghidu li ghandhom bi qbiela fil-verita` huwa mqabbel lil ommhom Marianna Deguara li min-naha taghha kienet irrinunzjat ghal “kwalunkwe dritt li jista’ ikolli biex nghaddi mill-passagg”; bi hlas *oltre* li gie furmat passagg gdid biex tidhol ghar-raba’ taghha, irceviet ukoll is-somma ta’ tlett elef u hames mitt lira (Lm3,500) minghand il-Markiz Anthony Cassar Desain u ohrajn.

4. Illi kif jidher mill-kuntratt tas-16 ta’ Ottubru 1995, l-eccipjenti akkwistaw il-proprjeta` taghhom bil-garanzija “li ma hemm ebda dritt ta’ passagg minn terzi fuq il-passagg” u ghalhekk hemm lok li l-vendituri awturi taghhom jigu kjamati in kawza kif provdut fl-**artikolu 1422 tal-Kodici Civili**.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 14 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti u d-dokumenti esebiti u mmarkati Dok. “A” u Dok “B” kif jidher a fol. 14A sa fol. 28 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn fis-seduta tas-27 ta’ Mejju 1999 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi; u tas-27 ta’ Gunju 2000 fejn meta ssejhet il-kawza deheret l-attrici Angela Cassar assistita minn Dr. Noel Bartolo li assocja ruhu fil-patrocinju taghha. L-istess attrici talbet li fl-att tac-citazzjoni u kull fejn jirrikorri l-isem ‘Angelo Cassar’ jinbidel f’ ‘Angela Cassar’. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni mitluba. Prezenti wkoll l-attrici Lucia Cortis. Il-Qorti nfurmat li l-provi qed jingabru u hemm seduta ffissata ghat-28 ta’ Gunju 2000. Il-kawza giet differita ghas-27 ta’ Novembru 2000.

Rat il-verbali l-ohra tas-seduti quddiem l-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo sad-data tal-avviz datat 11 ta’ Marzu 2002.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea nkluza x-xhieda u d-dokumenti annessi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna datati 9 ta’ April 2002 sat-8 ta’ Ottubru 2002.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mis-seduta tad-19 ta’ Frar 2003 sas-seduta tat-2 ta’ Dicembru 2005.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk illum presjeduta mid-data tat-12 ta’ Jannar 2006 sas-seduta tat-2 ta’ Mejju 2007 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghall-31 ta’ Ottubru 2007.

Rat ir-rikors ta' l-atturi datat 4 ta' Mejju 2007 u d-digriet ta' din il-Qorti datat 9 ta' Mejju 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta' spoll fejn l-atturi qed jallegaw li l-konvenuti abbusivament, klandestinament u kontra l-volonta` taghhom radmu u mblukkaw il-passagg li huma dejjem utilizzaw kemm bir-rigel u kemm bil-vettura, sabiex jaccedu ghar-raba' li tinsab denominata "Ta' Xifer il-Kif" *ossia* "Ta' l-Imselliet" fil-limiti ta' l-Imgarr u b'hekk ostakolaw l-access liberu taghhom ghall-istess raba' b'dan li b'hekk il-konvenuti kkommettew spoll u molestija ghad-dannu ta' l-atturi u ghalhekk ghamlu t-talbiet kontenuti fic-citazzjoni attrici in konnessjoni mal-premess.

Illi jinghad li l-principji bazilari tal-azzjoni ta' spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, skond id-disposizzjonijiet ta' l**-artikolu 534 tal-Kap 16** u l-**artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, u huma bbazati fuq it-tliet rekwisiti tal-*actio spolii* u cioe`:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrientement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**" (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u "**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**" (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-

Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-gurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati s-segwenti principji u cjoe' li:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b'titolu ta' proprjeta` jew servitu`, izda anke purament materjali jew *di fatto*, izda mhux ta' mera tolleranza (**Joseph Vassallo Gatt *nomine* vs Joseph Camilleri *proprio et nomine*** – App. 26 ta' Jannar 1996).

(b) *"L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest"* (**Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna** – P.A.H.H. 21 ta' Frar 1983), pero` *"pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll"* (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b' dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**Camilleri vs Giglio** – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza "**Marthese Borg vs Gorg Borg**" (P.A. – 25.2.1993) inghad li:-

"*L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*"

Illi dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet "**Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut**" (Citazzjoni Numru 585/93/GV) tad-19 ta' April 1999 fejn l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet li:-

"*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b' mod konklussiv li kellu 'un possesso di fatto' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni.*" (**Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius** – P.A. 5 ta' Ottubru 1992).

(c) Illi abbazi tal-**artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:-

"*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*"

Illi hekk il-kawza "**Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et**" (P.A. FGC – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta' Gunju 1998 gie riaffermat li:-

"*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabbilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x' ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" (**Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone** – Appell 9 ta' Marzu 1992).

Illi ta' l-istess portata hija s-sentenza "**Mariano Farrugia *et nomine* vs Peter Paul Cutajar**" (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:-

"*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' iqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-**artikolu 791 (1) tal-Kap 12** li sfortunatament jigi hafna drabi njorat.

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra l-volonta` tal-pussessur b' mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**Joseph Scerri vs Spiridione Falzon** – P.A. (A.M.) 24 ta' Jannar 1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** – P.A. (JSP) 30 ta' April 1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji (**Margherita Fenech vs Paolo**

**Zammit** – P.A. 12 ta' April 1958, Vol XLLI. Pg. 973; **Carmelo Sacco vs Paul Sacco** – Appell 23 ta' Jannar 1998).

(f) Illi fis-sentenza "**Alfred Pisani et vs Victor Farrugia**" (P.A. FGC – 21 ta' Jannar 1994) gie riaffermat li:-

"*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b' din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b'din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipproteggi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*"

(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir *"fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv"*, b'dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza "**Norman Vassallo vs Filomena Esposito**" (Appell – 18 ta' Gunju 1993) inghad li *"meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkonmbi fuq l-eccippjenti ghaliex skond l-artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

Illi minbarra dan dawn il-principji gew dejjem ikkonfermati fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **"N.M.J.Agius vs A. Said"** (P.A. RCP) 13 ta' Jannar 1999.Citaz. Numru 2426/97/RCP); **"Joseph Mary Debono vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri nomine"** (P.A. 26 ta' April 1999 Citaz. Nru. 1704/98/RCP); **"Dr. Rene` Frendo Randon vs David Sciberras"** (P.A. 20 ta' Mejju 1999. Citaz. Nru. 2459/98/RCP); **"C. Fino & Sons Limited vs Market Consult Limited"** (P.A. 1 ta' Lulju 1999, Citaz. Nru. 1596/98/RCP); **"Maria Concetta Lando vs Eugenio Galea"** (P.A. 15 ta' Gunju 1999, Citaz. Numru 610/99/RCP); **"Christine Ward vs Neville Ward"** (P.A. 13 ta' Lulju 1999, Citaz. Numru 2082/98/RCP); **"Nazzareno Camilleri vs Joseph Buhagiar"** (P.A. 30 ta' Novembru 1999, Citaz. Numru 2328/98/RCP); **"Alan Mckay vs Jacqueline Mckay"** (P.A. 27 ta' Jannar 2000,

Citaz. Numru 1660/98/RCP); **"Salvu Gauci vs Gaspare Psaila"** (P.A. 11 ta' April 2000, Citaz. Numru. 1887/97/RCP); **"Abela vs Abela"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 1949/99/RCP); **"John Saliba vs Joanne Refalo"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 467/98/RCP); **"Anthony Micallef vs Doris Micallef"** (P.A. 2 ta' Mejju 2000, Citaz. Numru 1167/99/RCP); **"Carmelo Fenech vs Joseph Vella"** (P.A. RCP. 3 ta' Ottubru 2000); **"Carmelo Mifsud vs Giuseppi Schembri"** (P.A. RCP 25 ta' Ottubru 2000); **"Clive Simpson vs Louis Muscat et"** (P.A. 13 ta' Frar 2001, Citaz. Numru 2451/98/RCP); **"Neville Xuereb vs Raymond Aquilina"** (P.A. RCP 14 ta' Marzu 2001); **"Marcus Xuereb vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2142/99/RCP); **"NMR Properties Limited vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2141/99/RCP); **"Giuseppi Spiteri vs Anthony Theuma"** (P.A. RCP 26 ta' April 2001); **"Mark Napier vs Andre` Bianchi"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 692/99/RCP); **"Michael Fenech vs Licari Estates Limited et"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 2139/99/RCP) u "**Paul Carbonaro vs Norman Dimech**" (P.A. 12 ta' Lulju 2001 – Citaz. Numru 632/98/RCP) u **"Joseph Aquilina vs Gordon Gerada"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) u **"Joseph Aquilina vs Paul Calleja et"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) fost ohrajn. Tali principji gew ukoll ikkonfermati bis-sentenza **"Fal-Con Limited u C & F Enterprises Limited vs Andre' u Maria konjugi Vassallo"** moghtija minn din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Jannar 2006 (Citaz. Numru 972/1997/RCP) u wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **"Farr Limited vs Edward Cassar"** (P.A. (RCP) 7 ta' Dicembru 2006).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami din il-Qorti thoss li wara li ezaminat il-provi bir-reqqa kollu dovuta fil-kuntest ta' azzjoni ta' spoll, jirrizulta li l-atturi fil-fatt kienu jahdmu raba' deskritta fic-citazzjoni attrici u ndikata fuq il-pjanta mmarkata bhala Dok. "PD 2" bil-biro hamra u sabiex jaghmlu dan kienu jghaddu minn passagg jew trejqa mertu ta' l-istess kawza attrici, liema passagg jinsab indikat bl-ahmar fuq il-pjanta esebita bhala Dok. "PD 1"

(fol. 68) u fil-fatt skond ix-xhieda ta' Carmel Deguara, l-ahhar li ghadda minnha kien permezz tal-vettura fil-5 ta' Dicembru 1997 u bil-mixi fis-7 ta' Dicembru 1997.

Illi fis-6 ta' Dicembru 1997 kien sab l-istess passagg imblukkat b'vann u kelb b'habel twil fl-istess passagg. Kellem lill-konvenuti li qalulhom li ma kienu ser inehhu xejn, u l-Erbgha ta' wara sab l-istess passagg mirdum permezz ta' hamrija b'dan li gie nkorporat mal-ghalqa tal-konvenuti, u b'dan ukoll li l-fetha li kien hemm man-naha ta' l-ghelieqi ta' l-atturi giet maghluqa permezz ta' hajt. Din ix-xhieda giet ikkorrobarata mix-xhieda ta' l-attrici Angela Cassar li tghid li baqghet tghaddi mill-istess triq sal-5 ta' Dicembru 1997, u ma setghetx tidhol izjed mis-6 ta' Dicembru 2007. Tghid li apparti li nghalaq l-access mill-ghalqa taghhom ghall-istess passagg, sar ukoll rixtellu li jinsab maqful u ntefghet hamrija sabiex il-passagg ma baqax kif kien. Il-konvenuti kienu qalulha fis-6 ta' Dicembru 1997 li l-art kienet taghhom u minn dak in-nhar ma hallewhomx jidhlu mill-istess passagg. L-istess tixhed Lucia Cortis li rrakontat kif hija, zewgha Adolf Cortis, u hutha Carmel u Manwel sabu l-passagg imblukkat fis-7 ta' Dicembru 1997 u l-konvenuti bl-ostakoli li kienu ghamlu u fuq indikati kienu qalulhom li ma kienux ser jithallew jidhlu fuq l-istess, b'dan li llum il-passagg huwa maghluq b'*gate* privata li taghti ghar-razzett fejn joqghodu l-konvenuti Mallia. Hemm konferma ta' dan kollu minn Manwel Deguara.

Illi l-konvenuti qed issostnu li huma ma kkommettew ebda spoll u l-atturi ma ghandhomx dritt ta' passagg. Ovvjament l-ewwel eccezjoni hija punt ta' fatt mentri it-tieni eccezzjoni ma tidholx fl-indoli ta' kawza ta' spoll, peress li dak li huwa relevanti ghal din il-kawza huwa l-pussess ta' liema xorta jkun, u l-kwistjoni ta' dritt hija mertu ta' kawza ohra, izda certament mhux dik odjerna.

Illi fil-fatt l-istess konvenuti jallegaw li omm l-atturi kienet iffirmat skrittura li biha allegatament qablet li ma tuzax iktar l-istess passagg mertu tal-kawza odjerna, izda apparti li jidher car li l-indikata Marianna Deguara ma hijiex parti f'din il-kawza, f'dawn il-proceduri qed jigi

sostnut li l-imsemmija persuna ghamlet kawza pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ghaliex qed issostni li hija giet ingannata peress li hija la taf tikteb u lanqas taqra, u l-istess skrittura kellha tirreferi ghall-parti ohra tar-raba' u mhux ghal dik mertu ta' din il-kawza u b'hekk tali skrittura mmarkata bhala Dok. "DM1" a fol. 25 tal-process qed tigi kkontestata. Fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li l-istess kontenut  ta' l-istess skrittura privata qed jigi kkontestat mill-imsemmija Marianna Deguara kif jidher mill-ittra ufficjali li l-istess persuna baghtet li Anthony Cassar Desain datata 6 ta' Frar 1997 (Dok. "DM 3" – fol. 27) u kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-stess konvenuta Mary Mallia. Mhux hekk biss izda mix-xhieda ta' Paul Deguara, li jidher li ffirma l-istess skrittura ghall-parti tieghu tar-raba', meta mressaq mill-konvenuti bhala xhud sostna li l-istess Marianna Deguara ma ffirmatx quddiemu.

Illi din fil-fatt hija l-versjoni ta' Anna Cassar u Carmel Deguara, u din il-Qorti thoss li l-kwistjoni ta' l-istess skrittura u l-allegati drittijiet hemm indikati, apparti l-kwistjoni tal-awtenticita' taghha, ma hijiex kwistjoni li ghandha tigi eppurata f'azzjoni ta' spoll u dan peress li l-unika eccezzjonijiet permessi f'kawza ta' din in-natura huma biss dwar pussess jew detenzjoni u mhux kwistjonijiet ta' dritt.

Illi dan jinghad apparti li la l-atturi u lanqas il-konvenuti ma kienu parti fl-istess skrittura; izda fi kwalunkwe kaz jinghad li l-istess skrittura bl-ebda mod ma tista' tintuza' sabiex tawtorizza lill-konvenuti jew lil kull persuna ohra, li jiehdu l-ligi f'idejhom ghaliex jippretendu li biha ghandhom dritt li jostakolaw l-uzu ta' l-istess passagg mertu tal-kawza odjerna mill-atturi – anzi jinghad li l-azzjoni ta' spoll hija proprja ntiza sabiex tevita li persuna li tippretendi li ghandha dritt li tiehu l-ligi f'ideja, haga li jidher li l-konvenuti effettivament ittentaw jaghmlu f'dan il-kaz. Jigi nnutat ukoll li ghalkemm fuq l-istess skrittura jissemmew il-familja Cassar Desain u John u Guzeppi Chetcuti, dawn bl-ebda mod ma ffirmaw l-istess skrittura u jigi nnutat ukoll li ma hemm ebda data fuq l-istess skrittura ghalkemm hija msemmija s-sena 1994 meta l-kaz ta' l-ispoll gara f'Dicembru 1997, u b'hekk jidher car li bejn l-istess

perjodu l-atturi baqghu juzaw l-istess passagg sakemm sar l-ispoll mertu tal-kawza odjerna.

Illi l-konvenuti qed jibbazzaw l-eccezzjonijiet taghhom proprju fuq din l-allegazzjoni li Marianna Deguara cediet kull dritt li kellha fuq il-passagg permezz ta' l-istess skrittura u wara li sar dan jirrizulta li l-konvenuti hadu pussess ta' l-istess u nkorporaw dan il-passagg ma' l-art taghhom u dan jirrizulta car anke mix-xhieda ta' Mary Mallia moghtija fit-2 ta' Dicembru 2005 (fol. 112 sa 128). Fil-fatt mill-istess xhieda jirrizulta ammess mill-istess konvenuta li l-attur Carmel Deguara u ohtu Angela Deguara kienu juzaw tali passagg mertu ta' din il-kawza. Ineffetti l-istess konvenuta qalet hekk:-

*"Dr. Galea: Fil-mument li tnehha x-xoghol, apparti Charlie, apparti l-mama' tieghu, apparti li semmejt lil Angela, dawn ghaliex kienu juzawh, il-passagg?"*

*"Xhud: Mhux biex jidhlu fir-raba' taghhom".*

*"Dr. Galea: Jigifieri tikkonferma li kienu jinzlu minnu?"*

*"Xhud: Iva u l-iehor juzawh xorta."*

Illi mhux hekk biss izda mix-xhieda tal-konvenut David Mallia fl-affidavit tieghu datat 6 ta' April 2006 ma hemm l-ebda dubju li huwa kien jaf ukoll li kemm Marianna Deguara u kemm il-familja taghha, nkluz l-atturi kienu juzaw l-istess passagg (fol. 149). Fl-istess xhieda hemm indikat li fil-fatt il-konvenuti qed isostnu li huma akkwistaw il-proprjeta' ta' l-istess passagg, u kien fis-6 ta' Dicembru 1997 li huma ghalqu l-istess passagg, tant li qal li kien sar rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni minn Marianna Deguara li ma giex milqugh u ghalhekk *"komplejna bix-xoghol wara li konna diga wittejna l-passagg il-gdid….".*

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li ladarba kawza ta' dan it-tip hija ntiza u limitata sabiex tezamina biss l-element ta' pussess, l-element ta' spoll, u li l-azzjoni saret fit-terminu rikjest mill-ligi, din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li dawn l-elementi kollha gew ippruvati mill-atturi, u b'hekk l-

ewwel eccezzjoni qed tigi michuda; dwar l-eccezzjonijiet l-ohra dawn ukoll qed jigu michuda ghaliex fejn l-istess jirrigwardaw il-pussess, l-allegazzjonijiet attrici gew kif inghad ippruvati, u fejn l-istess jirreferu ghad-drittijiet allegatament naxxenti minn xi skrittura jew kuntratt pubbliku, hawn *si tratta* ta' eccezzjonijiet ta' natura petitorja, li ma jistax u ma ghandux isir ezami taghhom f'kawza bhal ma hija din ta' spoll, u b'hekk l-istess eccezzjonijiet tal-konvenuti qed jigu lkoll michuda b'dan li l-istess konvenuti qed jigu kkundannati sabiex jergghu iqeghdu ghall-istat prestinu tieghu l-imsemmi passagg u dan kif jinsab indikat bl-ahmar fuq il-pjanta esebita bhala Dok. "PD 1" (fol. 68), b'mod li l-atturi jkunu jistghu jaccedu ghall-ghelieqi taghhom fuq imsemmija kemm bir-rigel u kemm bil-vetturi u dawn ix-xoghlijiet ghandhom jinkludu li jitnehha kull ostakolu li sar fl-istess passagg inkluz ir-radam bil-hamrija li sar fih bl-iskop li dan il-passagg jigi minflok inkorporat mal-ghalqa tal-konvenuti, u b'dan ukoll li jitnehha l-hajt li sar sabiex jaghlaq il-fetha li l-istess passagg kellu man-naha ta' l-ghelieqi ta' l-atturi, u wkoll titnehha l-*gate* privata li saret mill-konvenuti sabiex timblokka l-istess passagg, liema *gate* illum taghti ghar-razzett fejn joqghodu l-konvenuti Mallia, u kull xoghol iehor necessarju sabiex l-istess passagg jigi ripristinat fl-istat originali tieghu qabel ma' sar l-istess spoll. Fin-nuqqas li dan ix-xoghol isir mill-konvenuti fit-terminu li qed jigi prefiss, din il-Qorti qed tilqa' t-tielet talba sabiex tali xoghol isir mill-atturi a spejjez tal-konvenuti, dejjem taht id-direzzjoni tal-perit tekniku hawn nominat.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li meta l-konvenuti fil-bidu ta' Dicembru 1997 radmu l-passagg sudett u mblukkaw l-access li l-atturi kellhom ghall-ghelieqi lilhom imqabbla, huma kkommettew spoll *di fronte* taghhom u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 535 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza u taht s-supervizjoni tal-Perit Arkitett Mario Cassar A. & C. E. (li qed jigi nominat a spejjez tal-konvenuti) jergghu iqeghdu ghall-istat pristinu tieghu l-imsemmi passagg indikat bl-ahmar fuq il-pjanta esebita bhala Dok. “PD 1” (fol. 68), b’mod li l-atturi jkunu jistghu jaccedu ghall-ghelieqi taghhom fuq imsemmija kemm bir-rigel u kemm bil-vetturi u dan billi jsiru ix-xoghlijiet kollha li hemm bzonn u li gew indikati f’din is-sentenza sabiex jigi ripristinat l-istess passagg fl-istat prestinu tieghu ghall-uzu ta’ l-atturi.

3. Fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu dak lilhom ordnat fiz-zmien hawn prefiss, din il-Qorti qed tawtorizza lill-atturi sabiex a spejjez ta’ l-istess konvenuti, jaghmlu dak kollu li huwa necessarju sabiex jergghu iqeghdu ghall-istat prestinu tieghu l-imsemmi passagg u dan kif jinsab indikat bl-ahmar fuq il-pjanta esebita bhala Dok. “PD 1” (fol. 68), b’mod li l-atturi jkunu jistghu jaccedu ghall-ghelieqi taghhom fuq imsemmija kemm bir-rigel u kemm bil-vetturi, u dan billi jsiru x-xoghlijiet kollha li hemm bzonn u li gew indikati f’din is-sentenza u l-istess xoghlijiet ghandhom isiru taht is-supervizjoni ta’ l-istess Perit Arkitett Mario Cassar, hawn nominat a spejjez ta’ l-istess konvenuti.

Bl-ispejjez kollha kontra il-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------